**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' Appell ta' l-10 ta' April 2008 — R 709/2007-1, mogħtija fil-15 ta' April 2008;

— tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż irkuprabbli inklużi l-ispejjeż tal-kawża prinċipali u dawk tal-konvenut,

— sussidjarjament, fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni ta' l-10 ta' April 2008 u dik tas-7 ta' Marzu 2007 — 1415C — tiddikjara, li t-talba ta' l-intervenjenti tat-8 ta' Novembru 2005 ma kinitx ammissibbli.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* trade mark figurattiva "Bahman" għal prodotti fil-klassi 34 (trade mark Komunitarja Nru 427 336).

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti.

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* AD Bulgartabac Holding.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkonċernata.

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* ċaħda tar-rikors tar-rikorrent.

*Motivi invokati:* Ir-rekwiżiti għall-ammissibbiltà tat-talba ta' AD Bulgartabac li kellhom jiġu eżaminati *ex officio* ma ttieħdux in kunsiderazzjoni bi ksur tad-dritt Komunitarju, tar-Regolament (KE) Nru 40/94 ([1]) u ta' prinċipji oħrajn ta' proċedura.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) ta' l-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2008 — Mineralbrunnen Rhön-Sprudel Egon Schindel vs UASI — Schwarzbräu (ALASKA)**

**(Kawża T-225/08)**

(2008/C 223/82)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mineralbrunnen Rhön-Sprudel Egon Schindel GmbH (Ebersburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Wadenbach, Rechtsanwalt)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell:* Schwarzbräu GmbH (Zusmarshausen, il-Ġermanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-8 ta' April 2008 (Każ R 877/2004-4);

— tħassar kompletament it-trade mark Komunitarja Nru 505 552 "ALASKA" minħabba raġunijet assoluti għal rifjut ta' reġistrazzjoni;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż;

— sussidjarjament, tiddikkjara l-invalidità tat-trade mark Komunitarja Nru 505 552 "ALASKA" ta' l-anqas għall-prodotti segwenti: "ilma minerali u ilma bil-gass u kull tip ieħor ta' xorb mhux alkoħoliku fil-klassi 32".

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva "ALASKA" għall-prodotti fil-klassi 32 (trade mark Komunitarja Nru 505 552).

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* Schwarzbräu GmbH

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkonċernata

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* tiċħad l-appell tar-rikorrenti

*Motivi invokati:* ksur ta' l-Artikolu 7(1)(b), (ċ) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 ([1]).

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994 L 11, p. 1).

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2008 — Mineralbrunnen Rhön-Sprudel Egon Schindel vs UASI — Schwarzbräu (Alaska)**

**(Kawża T-226/08)**

(2008/C 223/83)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mineralbrunnen Rhön-Sprudel Egon Schindel GmbH (Ebersburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Wadenbach, Rechtsanwalt)